

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vestre Landsret (id-Danimarka) fid-19 ta' Diċembru 2014 – Masco Denmark ApS u Damixa ApSA vs Skatteministeriet**

(Kawża C-593/14)

(2015/C 073/23)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

**Qorti tar-rinviju**

Vestre Landsret

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Masco Denmark ApS u Damixa ApS

Konvenut: Skatteministeriet

**Domandi preliminari**

L-Artikolu 43 KE, moqri flimkien mal-Artikolu 48 KE (li saru l-Artikolu 49 TFUE u l-Artikolu 54 TFUE rispettivament), jipprekludi Stat Membru milli ma jagħti eżenzjoni fiskali għall-interessi riċevuti minn kumpannija residenti fil-każ li kumpannija li tifforma parti mill-istess grupp ta' kumpanniji, residenti fi Stat Membru ieħor, ma tkunx tista' tnaqqas mit-taxxa l-ispiża għall-ħlas tal-interessi korrispondenti minħabba r-regoli (bħal dawk fis-seħħ f'dan il-każ) fl-Istat Membru kkonċernat li jillimitaw id-dritt għal tnaqqis tal-interessi mhalla fil-każ ta' sottokapitalizzazzjoni, meta dan l-ewwel Stat Membru jagħti eżenzjoni fiskali għall-interessi riċevuti minn kumpannija residenti fil-każ li kumpannija residenti oħra li tifforma parti mill-istess grupp ta' kumpanniji ma tkunx tista' tnaqqas mit-taxxa l-ispiża għall-ħlas tal-interessi korrispondenti skont ir-regoli nazzjonali (bħal dawk fis-seħħ f'dan il-każ) li jillimitaw it-tnaqqis ta' tali spejjeż fil-każ ta' sottokapitalizzazzjoni?

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2014 – Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża C-600/14)

(2015/C 073/24)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze u J. Möller, aġenti)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/699/UE, tal-24 ta' Ġunju 2014, sa fejn tirreferi għall-emenda tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF-Konvenzjoni bażika) u tal-Appendiċijiet B (Regoli Uniformi dwar il-Kuntratt tal-Ġarr Internazzjonali ta' Prodotti bil-Ferrovija – CIM), D (Regoli Uniformi għall-Kuntratti tal-Użu tal-Vetturi fit-Traffiku Ferrovjarju Internazzjonali – CUV) u E (Regoli Uniformi dwar il-Kuntratt tal-Użu tal-Infrastruttura fit-Traffiku Ferrovjarju Internazzjonali – CUI) tagħha (Artikolu 1 tad-Deċiżjoni moqri flimkien man-Nru 3, punti 4 [sa fejn jikkonċerna l-Artikolu 12 tal-COTIF-Konvenzjoni bażika], 5, 7 u 12 tal-anness), u